MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2699/1996/1

**FORMOSA & CAMILLERI LTD. bħala aġenti Malta tas-Soċjeta' Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Buġeja Bros. Limited**

**vs**

**GOLLCHER COMPANY LIMITED bħala aġenti Malta ta' Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione armaturi/proprjetarji tal-vapur *Splendid* u l-istess Gollcher Company Limited aġenti Malta ta' Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione armaturi/proprjetarji tal-vapur *Rosa Blanca*; u The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Settembru, 1996, li bih il-kumpannija attriċi *nomine* ippremettiet;

Illi s-soċjeta’ Bugeja Bros. Limited importat ġewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Splendid konsenja ta’ injam li waslet Malta fis-17 ta’ Settembru 1995;

Illi din il-konsenja ġiet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bid-danni spjegati fid-Dok. A (survey report);

Illi ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tiegħu hu kellu jindenizza lill-assigurat tiegħu tad-danni li sofra u b’hekk issa hu ġie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur jikkwantifika id-danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tiegħu fl-ammont ta’ mitejn u tmien Lira u għoxrin ċenteżmu (Lm201.20 li magħhom jiżdied l-ammont ta’ mija u ħamsa u għoxrin Lira (125) bħala survey fee u spejjeż oħra neċessarja sabiex jiġi verifikat id-dannu għalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta’ tlett mija u tlieta u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm333.20);

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli għal dawn id-danni.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabli Qorti, għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli għad-danni fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li għalihom għamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm333.20;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew minnhom iħallsu lill-attur is-somma ta’ Lm333.20 bħala danni sofferti mill-attur li għalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u interessi legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni kontra il-konvenuti nomine li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-istess kumpannija attriċi *nomine*, flimkien mal-ħdax-il (11) dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-3 ta' Ġunju, 1997, li biha l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co Limited eċċepiet;

1. Illi preliminarjament it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li s-soċjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diliġenza rikjesta minnhom mill-Liġi.

2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess għandha tiġi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bażi tagħha qed jiġi allegat li sar il-ħlas lill-impurtatur u għandu jiġi esebit ukoll iċ-cheque li bih sar il-pagament.

3. Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess għandu jiġi ppruvat kif l-attur wasal għall-ammont ta' Lm201.20,0 bħala allegati danni.

4. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li jgħidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma ġiex surrogat għall-istess u għalhekk il-konvenut Godwin Abela noe jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet DR. R. STAINES VS. G. ABELA ET NOE – deċiża 6.4.92. – Ċitaz. Nru. 112/86K App.

5. Illi a bażi ta' l-Artikolu 70 u l-Artikolu 90 tal-Port Regulations ta' l-1966 is-soċjeta' konvenuta m'hiex responsabbli għall-allegati danni.

6. Illi fis-sitt lok dwar l-imgħax dan mhux dovut anqas stante li s-soċjeta' esponenti ma ġiet interpellata tħallas ebda ammont determinat u qatt ma ġiet surrogata fl-interessi mill-assigurat tagħha u ħallset biss

għaliex sostniet li kienet obbligata tħallas u dan aktar u aktar meta s-soċjeta' esponenti m'għandha ebda relazzjoni mas-soċjeta' attriċi ħlief tramine polza (KAM 4.11.94. – J. GERADA VS. GODWIN ABELA – CITAZ. NRU. 1275/910).

7. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu rispinti bl-ispejjeż kontra l-attur.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat in-Nota mressqa fis-6 ta' Ġunju, 1997, li biha l-kumpannija mħarrka Gollcher Company Limited eċċepiet;

Illi fl-ewwel lok s-soċjeta' attriċi iddekadiet mid-dritt ta' azzjoni u dan in vista ta' dak pattwit fl-artiklu 17 (2) tal-Polza ta' Kariku;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi kwalunkwe ħsara li setgħet irriżultat fil-merkanzija ma tirrispondix għaliha s-soċjeta' konvenuta.

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalunkwe responsabbilta' li tista tirriżulta fil-konfront tagħha hija limitata skond il-Liġi applikabli fil-kuntratt ta' ġarr.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi;

Rat in-Noti ta' Astensjoni tad-29 ta' Novembru, 2000, u tal-14 ta' Frar, 2001;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' April, 2001[1], li bih l-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi nħatret bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi li kien għad fadal tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukati tal-kumpanniji mħarrkin;

Rat illi l-kumpannija attriċi ma ressqet l-ebda sottomissjoni bil-miktub, minkejja li l-Qorti tatha din il-fakulta';

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-1 ta' Marzu, 2004, tal-10 ta' Ġunju, 2004, tal-4 ta' Novembru, 2004, u tat-30 ta' Novembru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal kumpens ta' ħlas magħmul mill-kumpannija attriċi lill-assikurat tagħha dwar ħsara mġarrba f'konsenja ta' njam miġjuba f'Malta bil-baħar mill-istess assikurat, fuq bastiment rappreżentat mill-kumpannija mħarrka Gollcher Co Limited;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co. Ltd. laqgħet billi qalet li, għal diversi raġunijiet u a tenur ta' diversi dispożizzjonijiet ta' liġi u ta' regolamenti, hija ma kinitx taħti għall-addebiti magħmulin kontriha mill-attur *nomine*;

Illi l-kumpannija mħarrka Gollcher Company Limited laqgħet billi qalet li hija ma taħti xejn għall-ħsarat allegati mill-kumpannija attriċi, li l-azzjoni tagħha waqgħet billi laħaq għadda żmien imsemmi fil-polza ta' tagħbija;

Illi l-<u>fatti li jirrigwardaw il-każ</u> u li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fis-17 ta' Settembru tal-1995, daħal f'Malta l-bastiment *M.v. Splendid* mill-port ta' Ġenova. Fuqu kellu,

[1] Paġ. 65 tal-proċess

fost l-oħrajn, konsenja ta’ ħmistax-il (15) *pallet* b’sitt mitt (600) folji ta’ njam[2]. L-injam tgħabba fuq bastiment ieħor l-*M.v. Rosa Blanca* fil-port ta’ Paranagua fil-Brażil f’Awissu tal-1995, mnejn beda l-vjaġġ bil-baħar. Il-kumpannija mħarrka Gollcher Co Ltd (‘il quddiem “GCL”) bagħtet tgħarraf bil-wasla tal-bastiment lill-importatur Buġeja Brothers Limited (assikurat tal-kumpannija attriċi) lejliet li l-bastiment daħal f’Malta[3];

Illi Buġeja Brothers Ltd. irtirat il-merkanzija[4] fil-25 ta’ Settembru, 1995. Hija ressqet ilment mal-kumpannija attriċi li kienet sabet xi njam imxarrab jew immuffat. L-ilmenti ta’ Buġeja Brothers ġew mistħarrġa minn wieħed John Borġ Bellanti, *surveyor* imqabbad mill-kumpannija attriċi fis-27 ta’ Settembru, 1995[5], meta l-injam kien għadu fid-*Deep Water Quay*. Hu ħareġ rapport ta’ dak li irriżultalu, datat Jannar 1996. Meta sar l-eżami tas-*surveyor* il-karozzi kienu għadhom taħt il-kontroll tal-kumpannija mħarrka TCH, u din bħala enti delegata mill-Awtorita’ Marittima;

Illi Lada ressqet pretensjoni dwar il-ħsarat mal-kumpannija mħarrka GCL b’ittra tat-23 ta’ Ottubru, 1995[6], u kif ukoll lill-kumpannija l-oħra TCH fl-istess jum[7], liema talbiet l-ewwel kumpannija ma aċċettatx b’ittra tagħha tat-13 ta’ Novembru, 1995[8]. Buġeja Brothers Ltd. imbagħad ressqet *claim* għall-kumpens mal-kumpannija attriċi. F’Jannar tal-1996, il-kumpannija attriċi ħallset lil Buġeja Brothers Ltd. kumpens ta’ Lm 208.20[9], minħabba n-nuqqasijiet u ħsarat minnha mġarrba, u mal-imsemmi ħlas il-kumpannija attriċi ġiet surrogata fil-jeddijiet tal-assikurata tagħha. Fl-10 ta’ Settembru, 1996, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta’ dritt</u> il-Qorti jidhrilha li l-każ joqgħod fuq żewġ sisien: l-ewwel wieħed huwa l-għamla ta’ merkanzija li dwarha tittratta l-

---

[2] Dok “D”, f’paġ. 8 tal-proċess
[3] Dok “E”, f’paġ. 9 tal-proċess
[4] Dok “F”, f’paġ. 10 tal-proċess
[5] Dok “A”, f’paġ. 5 tal-proċess
[6] Dok “I”, f’paġ. 13 tal-proċess
[7] Dok “H”, f’paġ. 12 tal-proċess
[8] Dokti. “J”, f’paġ. 14 tal-proċess
[9] Dok “M”, f’paġ. 17 tal-proċess

kawża, u t-tieni wieħed huwa l-għamla ta' prova meħtieġa biex torbot lill-kumpanniji mħarrkin mar-responsabbilta' għal xi ħsara li setgħet saret lill-merkanzija sa ma għaddiet f'idejn l-importatur. Jidher li l-piż tal-prova taż-żewġ sisien jaqa' fuq il-kumpannija attriċi;

Illi mill-provi mressqin – magħduda dawk imressqin mill-kumpannija attriċi nnifisha – il-pretensjoni attriċi ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-kumpanniji mħarrkin, u dan indipendentement mill-eċċezzjonijiet ta' bixra legali li ressqu biex jiddefendu rwieħhom. Kif sewwa irrileva l-għaref difensur tal-kumpannija GCL, il-mod kif il-merkanzija kienet ippakkjata u issiġillata mill-ispedituri meta din tgħabbiet fuq il-bastiment, u dan taħt ir-responsabbilta' u bi spejjeż tagħhom tagħmilha ħaġa impossibbli li wieħed jgħid b'ċertezza f'liema kundizzjoni kienet il-merkanzija qabel ma ttellgħet abbord. Il-prova dokumentali[10] li tinsab fl-atti (għalkemm mhux mill-aktar ċari) turi wkoll li l-kundizzjoni tal-injam ma setgħet bl-ebda mod tidher qabel ma jitneħħa l-irbit u s-sarr tal-plastika li kien idawwar kull *pallet*;

Illi fuq kollox, id-dikjarazzjoni murija fuq il-polza ta' tagħbija fis-sens li "*contents stuffed and lashed by shippers*", flimkien mal-frażi/kundizzjoni l-oħra li tgħid "*shippers load and count ... and not inspected by carrier*" ifissru li l-merkanzija la kienet u lanqas setgħet tiġi eżaminata meta ttellgħet abbord; ifissru wkoll li jekk seħħet ħsara waqt il-vjaġġ, ma satax jiġi determinat jekk l-issiġillar li sar qabel ma tgħabba x-xogħol kienx wieħed tajjeb biżżejjed biex iwarrab il-periklu tat-tgħarrieq. Kundizzjoni bħal din hija meqjusa li tiswa li ssir bħala klawsola ta' eżoneru fuq polza ta' tagħbija, ladarba l-armatur ma jkunx f'qagħda li jikkontrolla l-istat tal-kontenut b'mod li jitgħabba bir-responsabbilta' tal-wasla tagħha f'kundizzjoni tajba[11];

Illi b'żieda ma' dan irid jingħad li l-ilment imressaq mill-assikurat tal-kumpannija attriċi[12] kien jirrigwarda tixrib tal-

---

[10] Dok "N", f'paġ. 18 tal-proċess
[11] P.A. GCD **13.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. Noe vs Gollcher Co.Ltd noe et***
[12] Xhieda ta' John Buġeja 22.4.1998, f'paġ. 36-7 tal-proċess

injam fi grad qawwi li wassal biex l-injam immoffa f'partijiet minnu u li l-istrixxi tal-ħadid li kienu jorbtu l-faxex tal-folji kienu ssaddu b'mod qawwi. Dan it-tixrib sata' seħħ jew qabel mal-merkanzija tgħabbiet fuq il-bastiment, jew waqt il-vjaġġ, jew wara li nħattet mal-wasla tagħha f'Malta. Il-qagħda tal-ħsara ġiet rilevata fis-27 ta' Settembru, 1995, meta l-merkanzija kienet għadha x-Xatt. L-għaref avukat tal-kumpannija mħarrka TCH ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li, mix-xhieda li kienet ingħatat[13] u l-provi dokumentali li tressqu, ma satax ikun li, fid-disat ijiem lil-merkanzija kienet qegħda taħt il-kontroll tal-TCH, sata' possibilment laħqet saret daqstant ħsara fil-merkanzija bħal dik li sab is-*surveyor*;

Illi, mill-eżami xjentifiku li sar fuq kampjun tal-injam imxarrab madwar tliet ġimgħat wara l-wasla f'Malta[14], instab li l-umdita' lanqas kienet attribwibbli għal tixrib bil-baħar. Dan il-fatt bħal jagħti 'l wieħed x'jifhem li kien il-każ li l-injam tgħabba mxarrab qabel beda lo-vjaġġ;

Illi dawn iċ-ċirkostanzi, u n-nuqqas ta' provi tajba fi grad mitlub mil-liġi li jorbtu bir-responsabbilta' lill-imħarrkin jew lil min minnhom, iwasslu lill-Qorti biex tqis li l-kumpannija attriċi ma seħħilhiex turi li l-azzjoni tagħha hija mistħoqqa;

Illi għalhekk, m'huwiex il-każ li l-Qorti tistħarreġ jew tikkummenta dwar l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-kumpanniji mħarrkin

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co.Limited u **t-tieni eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka Gollcher Co Ltd., billi ma ntweriex li huma jaħtu għall-ħsarat allegati mill-assikurat tal-kumpannija attriċi; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

---

[13] Xhieda ta' Peter Bonello 31.10.2001, f'paġ. 71 tal-proċess
[14] Dok "K", f'paġġ. 15-6 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------